MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru. 287/2014

**Artikoli 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**KARL WILSON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KARL WILSON,** ta' 20 sena iben James u Michelle nee' Spiteri, imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Frar, 1993 residenti Moirchelle, Flat 1, Carmel Street, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 98693(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

1. Talli fl-20 ta' Settembru, 2013, ghall-habta ta' bejn nofsinhar (12.00pm) u n-nofs siegha (12.30pm), gewwa Trejqet il-Mithna, Haz-Zabbar, hebb ghall-persuna ta' Josephine Caruana, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 355567M u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr. Jesmond Cassar MD.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Carmelo Tabone

kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika ukoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Marzu 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, stqarrija, okkorrenza, certifikat mediku u Dikjarazzjoni ta’ Rifjut ta’ Jedd ghal Parir Legali.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 19 ta’ Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax (19) ta' Gunju, 2014.

Semghet lil Josephine Caruana tispjega fil-presenza tal-imputat illi hija m'ghandhiex interess f'dawn il-proceduri u fil-fatt qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali ghalkemm izzomm ferm id-drittijiet taghha civili. Il-Qorti tinnota illi din il-kawza ma tistax tigi rinunzjata pero' sejra tikkonsidra d-dikjarazzjoni ta' Josephine Caruana ai fini ta' piena.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat bhala *first time offender*.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat KARL WILSON hati tal-akkuzi u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum fejn l-imputat ghandu jobbliga ruhu li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma javvicinax lil Josephine Caruana.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tinnota li ma kien hemm l-ebda esperti nominati f'dawn il-proceduri u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------